IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2013
COM(2013) 739 final

ANNEXES 1 to 5

**ANNESSI**

***għall-***

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014**

# Anness I: Suġġetti ta' prijorità għall-adozzjoni mil-leġiżlatur

| L-Att | Titolu Sħiħ | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Data tal-adozzjoni |
|---|---|---|---|
| Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | COM(2013)520 2013/0253 (COD) | 07(2013) |
| Qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 | COM(2012)280 2012/0150 (COD) | 06(2012) |
| Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) | COM(2010)368 2010/0207 (COD) | 07(2010) |
| MIFID | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li tħassar id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | COM(2011)656 2011/0296 (COD) | 10(2011) |
| Attivitajiet bankarji bl-imnut (SMA II) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi | COM(2013)266 2013/0139 (COD) | 05(2013) |
| Fondi ta' investiment fuq terminu twil (SMA II) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu twil | COM(2013)462 2014/0214 (COD) | 06(2013) |
| Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu | COM(2013)45 2013/0025 (COD) | 02(2013) |

| L-Att | Titolu Sħiħ | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Data tal-adozzjoni |
|---|---|---|---|
| Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi | Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) | COM(2013)430<br>2013/0202 (COD) | 06(2013) |
| Stazzjonar tal-ħaddiema (SMA I) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi | COM(2012)131<br>2012/0061 (COD) | 03(2012) |
| Moviment Liberu tal-Ħaddiema | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema | COM(2013)236<br>2013/0124 (COD) | 04(2013) |
| Sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni | 2012/CNECT/027<br>COM(2013)48<br>2013/0027 (COD) | 02(2013) |
| Pakkett telekom | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri biex jitlesta s-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness, u li temenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012. | COM(2013)627<br>2013/0309 (COD) | 09(2013) |
| Pakkett ta' pagamenti (SMA II) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard | COM(2013)547<br>COM(2013)550<br>2013/0264(COD)<br>2013/0265 (COD) | 07(2013) |
| Identifikazzjoni elettronika u firem (SMA I) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern | COM(2012)238<br>2012/0146 (COD) | 06(2012) |

| L-Att | Titolu Sħiħ | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Data tal-adozzjoni |
|---|---|---|---|
| Ir-raba' pakkett ferrovjarju (SMA II) | Ir-raba' pakkett ferrovjarju – it-tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea għat-trawwim tal-kompetittività Ewropea u t-tkabbir Ewropew<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ferrovjarja | COM (2013)25<br>COM(2013)26/2<br>COM (2013)27<br>COM(2013)28<br>COM(2013)29<br>COM(2013)30<br>COM(2013)31<br>2013/0016 (COD)<br>2013/0013 (COD)<br>2013/0014 (COD)<br>2013/0028 (COD)<br>2013/0029(COD)<br>2013/0015 (COD)<br>2013/0016 (COD) | 01(2013) |
| Avjazzjoni ETS | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali | COM (2013)722 | 10(2013) |
| Azzjonjiet għad-Danni | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea | COM(2013)404<br>2013/0185 (COD) | 6(2013) |
| Akkwist pubbliku (SMA I) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u dak postali<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku | COM(2011)895<br>COM(2011)896<br>2011/0439 (COD)<br>2011/0438 (COD) | 12(2011) |
| Fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku (SMA II) | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku | COM(2013)449<br>2013/0213 (COD) | 06(2013) |
| Riforma tar-regoli tal-insolvenza (SMA II) | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment | COM(2012)744<br>2012/0360 (COD) | 12(2012) |

| L-Att | Titolu Sħiħ | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Data tal-adozzjoni |
|---|---|---|---|
| Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Dejta | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ir-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) | COM(2012)10<br>COM(2012)11<br>2012/0010 (COD)<br>2012/0011 (COD) | 01(2012) |
| UPPE | Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew | COM (2013)534<br>2013/0255 (APP) | 7(2013) |
| Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni | COM(2013)348<br>2013/0188 (CNS) | 6(2013) |
| TTF | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji | COM(2013)71 | 2(2013) |
| Direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati | COM(2012)788<br>2012/0366 (COD) | 12(2012) |
| Regolament dwar il-partiti politiċi | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej | COM(2012)499<br>COM(2012)712<br>2012/0237 (COD)<br>2012/0336 (COD) | 09(2012) |

# Anness II: Inizjattivi ġodda[1]

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| **Agrikoltura u Żvilupp Rurali** | | | |
| 1. | Rieżami tal-qafas politiku u legali tal-UE dwar il-produzzjoni organika | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | Kif previst fil-programm REFIT, dan ir-rieżami se jivvaluta r-rilevanza tal-qafas attwali għall-produzzjoni organika (ir-Regolament 834/2007 u l-Komunikazzjoni COM(2004) 415) għall-iżvilupp futur tas-settur. |
| 2. | Rieżami tar-reġim għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda (POSEI) | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se teżamina mill-ġdid l-arranġamenti tal-POSEI fid-dawl tar-riforma tal-PAK. |
| **Klima, enerġija u ambjent** | | | |
| 3. | Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030 | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se tinkwadra politiki dwar l-enerġija u l-klima lil hinn mill-2020 sal-2030 biex tipprovdi perspettiva fit-tul għall-investimenti, tikseb sistema tal-enerġija tal-UE iktar sostenibbli, sikura u kompetittiva u tiżgura li l-UE wara l-2020 tkun fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi marbuta mal-klima u l-enerġija. |
| 4. | Qafas għall-estrazzjoni sikura u mingħajr periklu tal-idrokarburi mhux konvenzjonali | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-għan huwa li jiġi żgurat li l-opportunitajiet li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija u jtejbu l-kompetittività, anki bil-produzzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali, jistgħu jintużaw bla periklu u b'mod effettiv f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jagħmlu dan. Il-qafas ikun jista' jimmira lejn ċarezza u prevedibbiltà għal kemm l-operaturi tas-suq kif ukoll għaċ-ċittadini inkluż għal proġetti ta' esplorazzjoni, kunsiderazzjoni sħiħa tal-emissjonijiet ta' gass serra u ġestjoni ta' riskji klimatiċi u ambjentali, inkluż għas-saħħa, b'konformità mal-aspettattivi tal-pubbliku. |

[1] Il-pjanijiet direzzjonali dwar l-inizjattivi individwali jistgħu jinstabu fuq: http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/planned_ia_en.htm
[2] It-tip ta' inizjattiva tista' tinbidel wara l-eżitu tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt.

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| **Kompetizzjoni, inkluża l-agrikoltura** | | | |
| 5. | Il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat f'setturi ewlenin | Mhux leġiżlattiva | Il-pakkett ikompli l-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat f'setturi ewlenin, inkluż valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, ir-reviżjoni tal-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali, il-linji gwida tar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni u l-linji gwida dwar l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar, kif ukoll linji gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-agrikoltura u l-forestrija. |
| 6. | Modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat: Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa | Mhux leġiżlattiva | Ir-reviżjoni tal-GBER, bħala parti mill-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat, se tirfina l-kriterji ġenerali ta' kompatibilità sabiex l-infiq isir aktar effettiv u l-amministrazzjoni tiġi ssimplifikata aktar. Il-pakkett jinkludi regolament ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija għall-agrikoltura u l-forestrija. |
| **Kompetizzjoni** | | | |
| 7. | Rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni għal ftehimiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija | Mhux leġiżlattiva | L-għan tar-rieżami huwa li r-regoli attwali li ma jibqgħux validi fl-2014 jiġu aġġornati permezz tal-promozzjoni tal-liċenzjar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali biex b'hekk tiġi mħeġġa l-innovazzjoni filwaqt li titħares il-kompetizzjoni. |
| **Żvilupp u Ambjent** | | | |
| 8. | Segwitu għall-qafas ta' żvilupp għal wara l-2015 | Mhux leġiżlattiva | Din hija parti mill-proċess li jgħaqqad flimkien l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) li fl-2015 ma jibqgħux validi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) f'qafas uniku għal aġenda ambizzjuża tal-iżvilupp wara l-2015. Iż-żmien tal-Komunikazzjoni se jiddependi fuq diskussjonijiet ta' tħejjija internazzjonali li għadhom għaddejjin. |
| **Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni** | | | |
| 9. | Pakkett ta' mobbiltà tax-xogħol | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se tiffaċilita l-moviment liberu ta' persuni fl-UE permezz ta' koordinazzjoni aħjar tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, u b'hekk tagħmel id-drittijiet taċ-ċittadini aktar effettivi u tikkontribwixxi fit-tkabbir u l-impjiegi. Il-pakkett se jippreżenta l-kisbiet riċenti u jinkludi r-reviżjoni tar-Regolament 883/2004 u r-Regolament 987/2009 dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali kif ukoll l-inizjattiva dwar ħaddiema mobbli ħafna. |

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| 10. | Komunikazzjoni fuq il-ħolqien tal-impjiegi fl-'ekonomija ekoloġika' | Mhux leġiżlattiva | Il-Komunikazzjoni se tiffoka fuq l-azzjonijiet ewlenin li jsostnu l-ħolqien tal-impjiegi u jtejbu l-effiċjenza tar-riżorsi fuq il-post tax-xogħol bħala waħda mill-isfidi ewlenin għall-kompetittività tal-Ewropa. Din se tiffoka fuq is-setturi ekonomiċi ewlenin u dwar l-antiċipazzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet emerġenti għal ekonomija aktar effiċjenti fir-riżorsi. |
| **Enerġija** | | | |
| 11. | L-istat ta' implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u Pjan ta' Azzjoni biex jiġi implimentat is-suq intern tal-enerġija fil-livell tal-bejgħ bl-imnut | Mhux leġiżlattiva | Fid-dawl tal-objettiv biex is-suq intern tal-enerġija jitlesta sal-2014, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis dwar l-enerġija u l-azzjonijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni deskritti fil-Komunikazzjoni dwar is-Suq Intern tal-Enerġija minn Novembru 2012. Il-Kummissjoni se toħroġ ukoll inizjattiva tas-suq bl-imnut bil-għan li tiffaċilita l-impenn tal-konsumatur, trawwem il-kompetizzjoni u ssaħħaħ l-arkitettura tas-sistema tal-enerġija għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-enerġija. |
| **Intrapriża u Industrija** | | | |
| 12. | Pakkett ta' politika industrijali | Mhux leġiżlattiva | Il-Komunikazzjoni dwar il-politika industrijali se tkompli tikkunsidra l-manifattura u s-servizzi relatati fl-UE bil-ħsieb li ttejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej. Il-pakkett se jinkludi rieżami tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern għall-prodotti industrijali, immirat lejn l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-kummerċ, iż-żieda fil-kwalità u l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni u sabiex l-acquis ikun aġġornat mal-aħħar prattiki u żviluppi. |
| 13. | Pjan ta' azzjoni għall-industrija tad-difiża | Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se tistabbilixxi sett konkret ta' azzjonijiet għat-titjib tal-kompetittività tal-industrija tad-difiża. |
| **Ambjent** | | | |
| 14. | Effiċjenza fir-riżorsi u l-iskart | Leġiżlattiva | L-inizjattiva se tibni fuq il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi u stabbiliet il-pedamenti prinċipali meħtieġa għall-potenzjal ekonomiku tal-UE biex tkun aktar produttiva filwaqt li tuża anqas riżorsi u timxi 'l quddiem lejn ekonomija ċirkulari. Din se tinkludi l-konklużjonijiet meħudin mill-iżvilupp ta' indikaturi u miri adatti u r-rieżami tal-miri ewlenin fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart (f'konformità mal-klawżoli tar-rieżami fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar il-Miżbliet u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ) u se twettaq evalwazzjoni *ex-post* tad-direttivi dwar il-flussi tal-iskart, inkluża valutazzjoni tal-għażliet sabiex titjieb il-koerenza bejniethom. |
| **Ugwaljanza** | | | |

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| 15. | L-indirizzar tal-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel | Mhux leġiżlattiva | Din l-inizjattiva tkun tista' tippromwovi u tiffaċilita l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' paga indaqs fil-prattika u tgħin lill-Istati Membri biex isibu l-aħjar approċċi sabiex jitnaqqas id-distakk persistenti fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. |
| **Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (adeżjoni mal-UE)** | | | |
| 16. | L-adeżjoni tal-UE mal-KEDB – regoli interni | Leġiżlattiva | L-inizjattiva tistabbilixxi r-regoli legali li huma meħtieġa biex l-adeżjoni li jmiss għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem issir operattiva internament. |
| **Azzjoni Esterna u Marittima** | | | |
| 17. | Strateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE | Mhux leġiżlattiva | Komunikazzjoni Konġunta mar-Rappreżentant Għoli se tistabbilixxi qafas strateġiku koerenti, li jgħaqqad is-sigurtà interna u esterna, u jibni fuq kooperazzjoni ċivili u militari, komplementarjetajiet u riżorsi kondiviżi, għal indirizzar aħjar tat-tħassib ewlieni dwar is-sigurtà marittima. |
| **Affarjiet Interni** | | | |
| 18. | Il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti | Mhux leġiżlattiva | Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi lill-Istati Membri kif jiżviluppaw għodod ġodda biex jiġġieldu jew jipprevjenu forom ta' estremiżmu vjolenti. Il-Komunikazzjoni se tfassal rakkomandazzjonijiet magħmulin min-Netwerk Kontra r-Radikalizzazzjoni, stabbilit fl-2011, u tinkludi wkoll elementi biex tiġi riveduta l-Istrateġija tal-UE dwar ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ. |
| **Għajnuna Umanitarja** | | | |
| 19. | Tħejjija tal-pożizzjoni tal-UE dwar il-qafas ta' wara Hyogo | Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se tinkwadra l-kontribuzzjoni tal-UE għad-diskussjonijiet dwar il-qafas internazzjonali wara l-2015 għal azzjoni fit-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri. |
| **Ġustizzja u Affarijiet Interni** | | | |
| 20. | Il-prijoritajiet futuri fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni | Mhux leġiżlattiva | Bil-programm ta' Stokkolma li wasal biex jintemm fl-2014 u l-politiki dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja integrati bis-sħiħ fis-sistema tal-UE, il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-futur tal-politika tal-ġustizzja tal-UE u Aġenda Ewropea ġdida għall-affarijiet interni. |

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| **Ġustizzja u Intrapriża** | | | |
| 21. | L-Att Ewropew tal-Aċċessibilità | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva se ttejjeb is-suq tal-merkanzija u s-servizzi li huma aċċessibbli għal persuni b'diżabilitajiet u anzjani, ibbażati fuq l-approċċ "disinn għal kulħadd". Din l-inizjattiva li tiffavorixxi lin-negozju se tinkludi miżuri vinkolanti biex tippromwovi l-akkwist u l-armonizzazzjoni tal-istandards ta' aċċessibbiltà. L-inizjattiva bħalissa tinsab fi proċess ta' konsultazzjoni mal-industriji u mal-partijiet interessati. |
| 22. | Approċċ ġdid għall-falliment kummerċjali u insolvenza | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li jitwaqqfu standards minimi fil-qasam ta' proċeduri ta' qabel l-insolvenza (riorganizzazzjoni) u t-tieni opportunità għal imprendituri onesti. Din għandha l-għan li telimina l-ostakoli għall-kummerċ u l-investiment transkonfinali billi toħloq kundizzjonijiet ekwi għad-debituri u l-kredituri li jinsabu fi Stati Membri differenti. |
| **Suq Intern u Servizzi** | | | |
| 23. | Is-segwitu tal-Green Paper dwar il-finanzjament fit-tul tal-ekonomija tal-UE | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-objettiv politiku ewlieni huwa li tiżdied il-provvista tal-kapital għall-investiment fit-tul. Dan jista' jirrikjedi l-adattament jew tibdil tal-kundizzjonijiet tal-qafas u b'mod partikolari r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji sabiex ikun żgurat li s-swieq finanzjarji qegħdin f'qagħda aħjar biex jipprovdu finanzjament fit-tul. |
| 24. | Rieżami tal-acquis dwar id-drittijiet tal-awtur | Leġiżlattiva/Mhux leġiżlattiva | L-iskop huwa li jiġu eżaminati mill-ġdid id-dispożizzjonijiet fil-qafas tal-EU tad-drittijiet tal-awtur li huma rilevanti għad-disponibbiltà online ta' materjal protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, bil-għan li jiġi żgurat li dan il-qafas ikun adatt għall-iskop fl-era diġitali. Dan ifisser, *inter alia*, qafas modern li jinkoraġġixxi prattiki innovattivi tas-suq, jiggarantixxi għarfien effettiv u rimunerazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet, jipprovdi inċentiv sostenibbli għall-kreattività, id-diversità kulturali u l-innovazzjoni, iżid l-għażla għal offerti legali minn utenti aħħarin u jiftaħ l-aċċess għalihom, jippermetti mudelli kummerċjali ġodda li jinħolqu u b'mod aktar effettiv jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-offerti illegali u l-piraterija. |
| 25. | Qafas għall-ġestjoni u għar-riżoluzzjoni ta' kriżijiet għall-istituzzjonijiet finanzjarji minbarra l-banek | Leġiżlattiva | Bil-għan li tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja u b'mod parallel mal-qafas għas-settur bankarju, l-inizjattiva se tiżgura li istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji jistgħu jiġu riżolti b'mod effettiv mingħajr ma jikkawżaw impatt sistemiku. |

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[2] | Deskrizzjoni tal-ambitu u l-objettivi |
|---|---|---|---|
| **Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE** | | | |
| 26. | Ir-Riforma tal-OLAF | Leġiżlattiva | Wara l-Komunikazzjoni dwar it-titjib tal-governanza tal-OLAF u t-tisħiħ tas-salvagwardji proċedurali fl-investigazzjonijiet, aktar titjib sistemiku tar-Regolament tal-OLAF jista' jsir, ispirat minn salvagwardji proċedurali fil-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew iżda li jistgħu jiġu trasposti għall-investigazzjonijiet amministrattivi tal-OLAF u ppromulgati anki qabel ma jiġi stabbilit l-UPPE. Dan jista' jinkludi tisħiħ tar-riżami legali tal-miżuri investigattivi permezz tal-uffiċċju l-ġdid ta' Kontrollur indipendenti tas-salvagwardji proċedurali, u salvagwardji proċedurali mtejba għal atti simili ta' tfittxija u qbid imwettqa mill-OLAF fl-istituzzjonijiet. |
| **Riċerka u Innovazzjoni u Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji** | | | |
| 27. | Riċerka u innovazzjoni bħala sorsi ġodda ta' tkabbir | Mhux leġiżlattiva | B'segwitu għall-Unjoni tal-Innovazzjoni, din il-Komunikazzjoni se tivvaluta kif l-ekonomija tal-innovazzjoni tippromwovi l-kompetittività u se tipprovdi bażi ta' evidenza biex jiġu identifikati l-investimenti ta' prijorità flimkien mar-riformi strutturali meħtieġa fil-kuntest tal-konsolidazzjoni fiskali u l-ħolqien tal-potenzjal ta' tkabbir. |
| **Stat tad-Dritt** | | | |
| 28. | L-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea | Mhux leġiżlattiva | Il-Komunikazzjoni se tniedi riflessjoni dwar qafas għal rispons konsistenti fejn l-istat tad-dritt huwa kkontestat. |
| **It-tassazzjoni u l-Unjoni Doganali** | | | |
| 29. | Lejn sistema definittiva tal-VAT | Mhux leġiżlattiva | L-inizjattiva ssegwi l-Komunikazzjoni ta' Diċembru 2011 dwar il-futur tal-VAT u għandha l-għan li tagħti gwida dwar kif għandu jiġi implimentat il-prinċipju ta' destinazzjoni għat-tassazzjoni tal-merkanzija u servizzi fl-UE bħala l-aħjar mod kif l-affarijiet jitmexxew 'il quddiem, billi l-objettiv fit-tul tat-tassazzjoni fl-Istat Membru ta' oriġini jiġi abbandunat. |

# Anness III: L-azzjonijiet REFIT

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[1] | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. | Riformulazzjoni u amalgamazzjoni ta' tliet Direttivi fil-qasam tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema[2] | Leġiżlattiva (Riformulazzjoni) | Ir-riformulazzjoni u l-amalgamazzjoni ta' tliet Direttivi minbarra kontroll tal-idoneità ppubblikat f'Lulju 2013[3] sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet mressqa mill-SWD tal-Kummissjoni (u titjieb l-operazzjoni tad-Direttivi). Din l-inizjattiva hija soġġetta għal konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali. |
| 2. | Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Iġjene tal-Ikel | Leġiżlattiva (Simplifikazzjoni, Sostituzzjoni) | Id-dispożizzjonijiet tal-iġjene se jinbidlu b'att ġdid, il-proċeduri se jiġu ssimplifikati u approċċ flessibbli għall-SMEs se jissaħħaħ. |
| 3. | Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-mediċina veterinarja | Leġiżlattiva (Simplifikazzjoni) | Awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni hija meħtieġa għat-tqegħid fis-suq ta' mediċina veterinarja fis-suq fl-UE. Il-piż amministrattiv għall-industrija farmaċewtika veterinarja se jitnaqqas permezz ta' proċeduri simplifikati u aktar effiċjenti biex tinkiseb u tinżamm awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. |
| 4. | Regolament Qafas li Jintegra l-Istatistika tan-Negozju (FRIBS)[4] | Leġiżlattiva | Din l-inizjattiva għandha l-għan li tintegra l-istatistika tan-negozju f'qafas legali komuni sabiex tiġi ssimplifikata u rrazzjonalizzata l-arkitettura ta' referenza għal statistika Ewropea tan-negozju, b'hekk jitnaqqas il-piż żejjed fuq dawk li jwieġbu. |

[1] It-tip ta' inizjattiva tista' tinbidel wara l-eżitu tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt.
[2] Din tikkonċerna d-Direttiva 98/59/KE dwar is-sensji kollettivi, id-Direttiva 2001/23/KE dwar it-trasferimenti tal-impriżi u d-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-KE.
[3] DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI: 'Kontroll tal-idoneità' dwar il-liġi tal-UE fil-qasam tal-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni tal-Ħaddiema, SWD (2013) 293 finali, 26.7.2013
[4] Ir-rieżami tal-istatistika tan-negozju se jiddependi mill-iżviluppi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[1] | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 5. | Regolament Qafas għall-integrazzjoni tal-istatistika soċjali[5] | Leġiżlattiva | Din l-inizjattiva għandha l-għan li tintegra l-istatistika soċjali f'qafas legali komuni sabiex tiġi ssimplifikata u rrazzjonalizzata l-arkitettura ta' referenza għall-istatistiċi soċjali Ewropej, b'hekk jitnaqqas il-piż żejjed fuq dawk li jwieġbu. |
| 6. | Riforma tas-Sistema ta' Stħarriġ tal-Farms. | Leġiżlattiva | L-att bażiku se jitqassar u se jiġi ssimplifikat u akkumpanjat minn att iddelegat fid-dawl tal-istħarriġ tal-farms li jmiss ippjanat għall-2020. |
| 7. | Riformulazzjoni ta' tmien Direttivi fil-liġi tal-kumpaniji[6] | Leġiżlattiva (Kodifikazzjoni) | Id-direttivi dwar il-liġi tal-kumpaniji jittrattaw it-twaqqif u l-funzjonament tad-ditti. Huma jkopru t-twaqqif u r-reġistrazzjoni ta' kumpaniji, il-protezzjoni għall-investituri (eż. permezz ta' rekwiżiti kapitali), fużjonijiet u diviżjonijiet, kif ukoll ċerti aspetti ta' rappurtar. Xi aspetti tas-sistema legali attwali f'dan il-qasam huma diffiċli biex jiġu applikati, b'mod partikolari għall-SMEs.[7] Għaddejja ħidma biex jinħoloq sett ta' regoli wieħed, li huwa faċli biex jintuża dwar il-liġi tal-kumpaniji eżistenti billi jiġu kkodifikati tmien Direttivi tal-Liġi tal-Kumpaniji[8]. L-istrument legali l-ġdid se jsegwi iċ-"ċiklu tal-ħajja ta' kumpanija" – mill-inkorporazzjoni tagħha sax-xoljiment. Dan se jinkludi taqsima komuni b'definizzjonijiet u obbligi ta' rappurtar u jirriżulta f'simplifikazzjoni sinifikanti tar-regoli tal-UE dwar kumpaniji pubbliċi u privati ta' responsabbiltà limitata. |

[5] Ir-rieżami tal-istatistika soċjali se jiddependi mill-iżviluppi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.
[6] Id-Direttivi 82/891/KEE, 89/666/KEE, 2005/56/KE, 2009/101/KE, 2009/102/KE, 2011/35/UE, 2012/17/UE, 2012/30/UE.
[7] Dawn id-diffikultajiet jinkludu l-applikazzjoni ta' regoli ma' fużjonijiet domestiċi jew transkonfinali, trikkib ta' termini u definizzjonijiet minn atti legali.
[8] Id-Direttivi 82/891/KEE, 89/666/KEE, 2005/56/KE, 2009/101/KE, 2009/102/KE, 2011/35/UE, 2012/17/UE, 2012/30/UE

| Nru | Titolu | Tip ta’ inizjattiva[1] | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 8. | Ir-reviżjoni u s-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu | Leġiżlattiva (Reviżjoni) | Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-agrikoltura se jiġu riveduti bil-għan li jsiru ekonomikament aktar sinifikanti, b'enfasi fuq il-każijiet li għandhom impatt reali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-Suq Uniku kif ukoll is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri u biex jittaffa l-piż fuq l-SMEs. |
| 9. | Reviżjoni u simplifikazzjoni tal-qafas legali għall-biedja organika | Leġiżlattiva (Reviżjoni) | Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-biedja organika se tindirizza l-inkonsistenzi, il-lakuni u l-miżuri mhux effettivi, se tissimplifika r-regoli u tnaqqas l-ispejjeż regolatorji. |
| 10. | Kodifikazzjoni ta’ sitta u għoxrin Regolament tal-Kunsill wara l-adozzjoni ta’ żewġ regolamenti ta' abilitazzjoni rigward il-politika kummerċjali komuni[9] | Leġiżlattiva (Kodifikazzjoni) | Dawn il-proposti se jikkodifikaw il-leġiżlazzjoni rispettiva u jressquha f’konformità mat-TFUE. |
| 11. | Regolament 1418/2007 dwar l-Esportazzjoni tal-Irkupru ta’ skart mhux perikoluż[10] | Leġiżlattiva (Simplifikazzjoni) | Ir-Regolament se jiġi aġġornat, il-proċeduri se jkunu ssimplifikati u l-piż amministrattiv jitnaqqas. |
| 12. | Simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq [11] | Leġiżlattiva (Simplifikazzjoni) | Din il-proposta se tissimplifika u tallinja d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u t-twaqqif ta’ impriżi tal-iskariġġ bit-triq. Din se tissimplifika r-regoli ta' infurzar u se tippermetti verifiki immirati u effettivi mill-awtoritajiet nazzjonali. |

[9] COM(2011)82 u COM(2011)349

[10] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta’ Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta’ ċerti tipi ta’ skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn ċerti pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta’ movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax

[11] Simplifikazzjoni u infurzar aħjar tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009) u l-istabbiliment ta’ impriżi tat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009)

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[1] | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 13. | Regolament tal-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd[12] | Leġiżlattiva (Riformulazzjoni) | Riformulazzjoni tar-Regolament ta' Awtorizzazzjoni tas-Sajd attwali (FAR) sabiex tiġi ssimplifikata s-sistema attwali, jittaffew il-kwistjonijiet ta' rekwiżiti tad-dejta varjabbli ħafna mill-Istati Membri, titjieb il-konsistenza bejn il-FAR u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u regolat u l-qafas ta' kontroll kif ukoll b'mod aktar ġenerali bl-objettivi tad-Dimensjoni Esterna tal-politika tal-PKS. |
| 14. | Miżuri tekniċi għall-protezzjoni tal-organiżmi tal-baħar | Leġiżlattiva | Il-miżuri tekniċi se jiġu ssimplifikati, allinjati mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida u jinġabru f'Regolament ta' Qafas ġdid. |
| 15. | Tħassir tad-Direttiva 1999/45/KE dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' preparazzjonijiet perikolużi: | Leġiżlattivi (Tħassir) | Din id-Direttiva ma baqgħetx valida wara l-adozzjoni ta' regoli ġodda dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet fl-2008. |
| 16. | Tħassir tad-direttiva tal-Kunsill dwar assistenza lill-Kummissjoni u kooperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta' kwistjonijiet dwar l-ikel[13] | Leġiżlattiva (Tħassir) | Id-Direttiva għaddiet minn bidliet fil-leġiżlazzjoni u l-istruttura tal-kooperazzjoni xjentifika. Issa dawn il-kompiti huma żgurati mill-EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel). |
| 17. | Tħassir tar-Regolament tal-Istatistika dwar l-Azzar[14] | Leġiżlattiva (Tħassir) | L-istatistika dwar l-azzar issa qed tinġabar permezz ta' arranġamenti differenti. Għaldaqstant il-leġiżlazzjoni ma għadhiex aktar meħtieġa. |

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94

[13] ĠU L 136, 4.1.1993, p. 18

| Nru | Titolu | Tip ta' inizjattiva[1] | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 18. | Tħassir tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni[15] | Leġiżlattiva (Tħassir) | Din il-leġiżlazzjoni se tgħaddi għad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus Iż-żmien ta' tħassir se jiddependi fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proposta tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, adottata mill-Kummissjoni fil-5/02/2013 li permezz tagħha d-Deċiżjoni 2000/642/ĠAI ma għadhiex valida. |
| 19. | Tħassir tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija | Leġiżlattiva (Tħassir) | Id-direttiva m'għadhiex rilevanti. Il-kontenut tagħha ġie indirizzat bir-regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tqal tal-merkanzija. |
| 20. | Tħassir tad-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija | Leġiżlattiva (Tħassir) | Id-Direttiva ma għadhiex meħtieġa billi l-kontenut tagħha ġie inkorporat fir-regoli l-ġodda tal-akkwisti pubbliċi orizzontali. |
| 21. | Tħassir tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffissar ta' mira tal-Komunità għal tnaqqis fil-konsum ta' sorsi primarji ta' enerġija fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi[16] | Leġiżlattiva (Tħassir) | Id-Deċiżjoni ma għadhiex valida, illum ir-rilaxx tal-ħażniet ta' emerġenza huwa ġeneralment meqjus bħala l-għodda ta' reazzjoni ewlenija f'każ ta' interruzzjoni tal-provvista taż-żejt – dan jista' jissostitwixxi l-volumi nieqsa malajr u mingħajr ma jfixkel l-attività ekonomika tal-UE u tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha. Id-Direttiva l-ġdida dwar il-Ħażniet taż-Żejt (adottata fl-2009 – id-dispożizzjonijiet kollha fis-seħħ mill-2013) tkopri ħażniet ta' emerġenza u tinkludi l-possibbiltà ta' mira għal tnaqqis fil-konsum. |

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 48/2004.

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI tas-17 ta' Ottubru 2000. Iż-żmien se jiddependi fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proposta tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, adottata mill-Kummissjoni fil-5/02/2013 li permezz tagħha d-Deċiżjoni 2000/642/ĠAI ma għadhiex valida.

[16] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/706/KEE tas-7 ta' Novembru 1977 dwar l-iffissar ta' mira tal-Komunità għal tnaqqis fil-konsum ta' sorsi primarji ta' enerġija fil-każ ta' diffikultajiet fil-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi (kif ukoll timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 79/639)

# Anness IV: Lista ta' rtirar ta' proposti pendenti li qed jiġu kkunsidrati[1]

| Nru | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar | Referenza tal-proposta tal-Kummissjoni fil-ĠU |
|---|---|---|---|---|
| **Żvilupp u Kooperazzjoni-Europe Aid** | | | | |
| 1. | COM (2009) 395<br>2009/0111/CNS | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe | Ma għadhiex valida. Ir-rieżami tal-elenkar issa huwa previst fid-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Ir-reġim tas-sanzjonijiet ma jiġix affettwat. | ĠU C 26,<br>28 01 2011, p. 4 |
| **Żvilupp u Kooperazzjoni-Europe Aid/ Strumenti tal-Politika Barranija** | | | | |
| 2. | COM(2009) 195<br>2009/0058/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda r-Regolament (KE) Nru 1717/2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà | Ma għadhiex valida. Ir-Regolament li għandu jiġi emendat se jiskadi fl-aħħar tas-sena 2013 u l-proposta leġiżlattiva l-ġdida għal Strument għall-Istabbiltà ġiet adottata mill-Kummissjoni fil-qafas tal-pakkett leġiżlattiv 2014-2020 għal azzjonijiet esterni - COM(2011) 845. | ĠU C 296,<br>30 01.2010, p. 5 |
| **Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni** | | | | |
| 3. | COM(2011)336<br>2011/0147/COD | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Ma għadhiex valida. Ir-Regolament li għandu jiġi emendat ma jibqax validu fl-aħħar tas-sena 2013. Proposta leġiżlattiva ġdida għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) ġiet adottata mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pakkett tal-qafas finanzjarju pluriennali. | ĠU C 264,<br>8.09.2010, p. 4 |
| **Ambjent** | | | | |
| 4. | COM(2003) 624<br>2003/0246/COD | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali | Din il-proposta hija pendenti quddiem il-koleġiżlaturi mill-2003 u matul dan iż-żmien ma sar l-ebda progress effettiv. Il-Kummissjoni se tikkunsidra metodi alternattivi biex jiġu ssodisfati l-obbligi taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus u qed tmexxi valutazzjoni tal-impatt. | ĠU C96,<br>21.04. 2004, p. 22 |

[1] Dan l-irtirar se jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

| Nru | COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali | Titolu | Ir-raġunijiet għall-irtirar | Referenza tal-proposta tal-Kummissjoni fil-ĠU |
|---|---|---|---|---|
| 5. | COM(2006)232 finali | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ħarsien tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE | Il-Kummissjoni tinnota li l-proposta kienet pendenti għal tmien snin li matulhom ma ttieħdet l-ebda azzjoni effettiva. Għaldaqstant il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk l-objettiv tal-proposta, li hija se tissokkta, iseħħ bl-aħjar mod billi tinżamm il-proposta jew billi tiġi rtirata, b'hekk titwitta t-triq għal inizjattiva alternattiva fil-mandat li jmiss. Dan se jiġi ġġudikat fuq jekk l-adozzjoni tintlaħaqx qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. | ĠU L 200, 22.7.2010, p. 11 |
